MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2014

Numru 99/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**Mohamed Muktar Saad Aburwes**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront ta' Mohamed Muktar Saad Aburwes, iben Muktar u Najiya nee' Aburwes, imwieled Gmail, Libja, fil-25 ta' Jannar 1996, residenti San Giljan u detentur ta' Passaport Libjan bin-Numru 390488, talli f'dawn il-Gzejjer fis-26 ta' Jannar 2014 ghall-habta tal-hamsa u ghaxra ta' filghodu wettaq attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta' Rose Isabelle Hedman, bi ksur ta' l-Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-kaz u d-dokumenti esebiti senjatament Rapport tal-Pulizija dwar dan l-incident Dok. “TM1”, fotokopja tal-passaport ta’ l-imputat Dok. “TM2”, il-fedina penali ta’ l-imputat Dok. “TM3”, il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ai termini ta’ l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta Dok. “TM4” u stqarrija rilaxxjata mill-imputat Dok. “TM5”;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u jammetti ghall-akkuza migjuba kontra tieghu u dana minkejja il-fatt li din il-Qorti, a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzat bl-iktar mod solenni lill-imputat bil-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena w innotat li entrambe jaqblu li fic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz, inkluz il-fatt li ghalkemm il-vittma ghamlet rapport fil-konfront tal-imputat m’ghandiex interess li dan il-kaz jizvolgi ruhu b’mod sproporzjonat ghal dak li gara, hemm lok li jigi applikat l-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta fil-konfront ta’ l-imputat;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jigi akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fis-26 ta’ Jannar 2014 ghall-habta tal-hamsa u ghaxra ta’ filghodu wettaq attentat vjolenti ghall-pudur fuq il-persuna ta’ Rose Isabelle Hedman, bi ksur ta’ l-Artikolu 207 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa ammetta ghal din l-akkuza u fid-dawl ta’ tali ammissjoni l-Qorti ssibu hati ta’ tali akkuza.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, li ghandu fedina penali netta u hadet in konsiderazzjoni wkoll dak sottomess u dikjarat mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza waqt it-trattazzjoni orali dwar il-piena, u cioè li fic-cirkostanzi tal-kaz in ezami, inkluz il-fatt li ghalkemm il-vittma ghamlet rapport fil-konfront tal-imputat m’ghandiex interess li dan il-kaz jizvolgi ruhu

b'mod sproporzjonat ghal dak li gara, hemm lok li jigi applikat l-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 207 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti, a tenur ta' l-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta tillibera lill-imputat mill-akkuza dedotta fil-konfront tieghu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1) mid-data ta' din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-imputat, bi kliem li jiftiehem sew, illi jekk huwa jaghmel reat iehor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, ossia matul it-terminu ta' sena (1) mid-data ta' din is-sentenza, huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat minnu ammess f'dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------